MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 151/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Noel Borg abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Noel Borg [297567(M)]**

**vs**

**James Paul Mercieca**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u erbatax-il centezmu**

**(Lm488.14), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Noel Borg assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-attur Noel Borg ammont rapprezentanti *excess payment* dovut in linea tal-polza assikurattiva, u in kwantu ghall-bilanc ta' erba' mija u tlieta u sittin Lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm463.14) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Marzu 2003 ghall-habta tas-6.00p.m. gewwa Triq l-Isqof Caruana, Zebbug, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Noel Borg, bin-numru ta' registrazzjoni KBA-938 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni HAU-823, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju, 2004 u tat-12 ta' Novembru, 2004, u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici Middle Sea Insurance plc, u l-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-28 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort u htija ta' Noel Borg, sewwieq tal-vettura KBA-938, u dana b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Noel Borg, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS160 Mario Mifsud, Noel Borg u James Paul Mercieca. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Innota il-verbal**

**tas-27 ta' Mejju, 2005 li fih il-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta il-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-24 ta' Marzu, 2003, ghal habta tas-6.00 p.m., fit-Triq L-Isqof Caruana, Zebbug. Involuti fil-kolizzjoni kienu l-vettura misjuqa minn Noel Borg bin-numru KBA-938 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru HAU-823.**

**2. Skond ir-road accident report Dok RF1, kkonfermat minn PS160 Mario Mifsud, l-attur kien stqarr li kien gej minn Imdina Road u dahar ghal go Triq Caruana, meta f'salt habat. Il-konvenut stqarr lil l-attur qabad u dahar f'daqq u b'hekk sehhet il-kollizzjoni. Skond is-Surgent lis-spot of impact huwa fil-punt fejn waqfet il-vettura tal-konvenut.**

**3. Jirrizulta illi l-konvenut halla brake mark tul tlett metro, jirrizulta wkoll illi hemm stop sign indicat fl-iskizz a fol 18 tal-process ghal min ikun ser johrog minn Triq Caruana, ghal Imdina Road.**

**4. L-attur xhedt illi kif kien ser jibda il-manuvra biex jidhol ghal go Triq Caruana, hares la genba biex jara jekk hemmx xi hadt li ser johrog mit-triq arterjali, u peress li ma ra lil hadt kompla dihel. Kif wasal fuq ix-xaqliba l-ohra gie milqut mill-konvenut. Il-konvenut kien sejjer fid-direzzjoni ta' Imdina Road. Skond il-konvenut kien aktar vicin ta' lis-stop sign milli indikat fl-iskizz a fol 18. u kien aktar qrib lejn in-naha ta' lis-stop sign. Il-konvenut immarka b' 'X' a fol 18 fejn skond hu sehh l-impatt.**

**5. Jirrizulta illi l-attur kellu hsara fuq wara, fuq il-bieba tax-xellug u l-mudguard u r-rota. Filwaqt illi l-konvenut kellu l-hsara fuq quddiem, fuq il-bonnett in-naha tax-xellug, il-mudguard, id-dwal u l-bumper.**

**6. It-Tribunal jibia biex jirrileva illi l-iskizz prezentat mhux skalat. Iz-zewg vetturi spiccaw fuq in-naha l-hazina tat-triq. L-iskid marks tal-konvenut huma indikazzjoni cara li l-konvenut kien qieghed fuq in-naha l-hazina. L-attur illi kien gej mill-punt immarkat (X) a fol 18 meta dahal sap lill-konvenut u kellu jaghmel manuvra evasiva.**

**7. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta illi l-incident sehh principalment tort tal-konvenut. Pero' it-Tribunal qed isib ukoll grad ta' kontributorjeta in kwantum l-attur ma kienx attent bizzejjed ghat-traffiku li gej mit-triq sussidjarja. Ghalhekk it-Tribunal qed jalloka zewg terzi tar-responsabbilta ghal akkadut lill-konvenut u terz lill-attur.**
**8. Id-danni ma humiex kontestati u peress illi l-konvenut jahti fi grad ta' zewg terzi jigi li dan ghandu jghati lill-atturi s-somma ta' tlett mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm325.42).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici jiddikjara li l-konvenut responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghal incident li sehh u jikkundanah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltija tnejn u erbghin centezmu (Lm300.42), u lill-attur Noel Borg is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet dekkoribbli mill-lum.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju, 2004 u tat-12 ta' Novembru, 2004, u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici Middle Sea Insurance plc ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------